# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Illum 27 ta' Gunju 2024**

**Rik. Gur.Nru.: 138/2024 JPG**

**Kawza nru.: 24**

**JF**

**Vs**

**LC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-attrici datat 14 ta' Marzu 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tmintax (18) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija u erbgha u disghin (18/12/1994) u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A;*

2. *Illi miz-zwieg taghhom twieldu zewgt' itfal, M li twieled nhar X u A li twieldet nhar Y;*

3. *Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Elizabeth Sciriha, nhar it-tmintax (18) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbgha (18/08/2004) (kopja hawn annessa u mmarkata bhala 'B');*

4. *Illi fl-imsemmi kuntratt, il-partijiet kienu rregolaw il-manteniment tal-minuri, liema manteniment dejjem thallas mir-Ragel u dwar liema ma hemm l-ebda pendenzi u/jew arretrati;*

5. *Illi l-partijiet kienu reciprokament irrinunzjaw mid-dritt taghhom li jitolbu u jottjenu manteniment minghand xulxin;*

6. *Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni, anke l-ghaliex, illum il-gurnata iz-zewg partijiet ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

7. *Illi dawn il-fatti hawn fuq jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi ghall-ksib tad-divorzju u dan skont l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

8. *Illi l-esponenti tixtieq li tigi awtorizzata tirriverti ghal kunjom xbubitha, ossia' 'F';*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment titlob li dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ ta' bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66B tal- Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tawtorizzaha tirriverti ghal kunjom xbuitha, ossia' 'F';*

3. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi huwa informa lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan tal-ahhar jiġi jirregistra l-istess fic-certifikat taz-zwieg tal-partijiet.*

*U dan taht kull provvediment iehor li l-istess jidhrilha li hu xieraq u opportun.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat in-nota tal-intimat datata 19 ta' April 2024, a fol 17 li taqra hekk:

> *Li biha a tenur ta' digreit ta' din l-Onorabbli Qorti tat-22 ta' Marzu 2024 jiddikjara li qed jaderixxi mar-ragunijiet moghtija mir-rikorrenti sabiex issostni t-talba taghha ghad-divorzju, u ghalhekk filwaqt li ammetti l-istess talbiet, ghalhekk jiddikjara li m'ghandux provi x'jressaq jew trattazzjoni fir-rigward.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet (vide xhieda fol 16)** u kkonfermat illi il-partijiet izzewgu nhar it-18 ta' Dicembru 1994 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, illum maggiorenni. Iddikjarat illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 18 ta' Awwissu 2004 fl-atti tan-Nutar Dr Elizabeth Sciriha. Di piu', ikkonfermat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

L-intimat permezz ta' nota datata 19 ta' April 2024 ammetta ghat-talbiet attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-***

*divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew*

***miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-18 ta' Dicembru 1994 liema zwieg jgib certifikat numru 2362/1994 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, illum maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Elizabeth Sciriha nhar it-18 ta' Awwissu 2004 (Vide fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2362/1994 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu', tawtorizza lill-attrici sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe 'F' u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**